# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Jannar, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 376/01mm**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Jagrove Services Ltd**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u tlettax-il lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm313.44) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-

uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mid-9 ta' Settembru, 1997, sa' l-1 ta' Frar, 2000.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-21 ta' Jannar, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit / Dep Reg